# SAN LWIGI IX U L-FRANGISKANI FIL-LVANT

B'din il-kitba tagħna rridu niġbru paġna mill-ġrajja sabiħa tal-Kruċjata ta' San Lwiġi IX ta' Franza u ta' l-Irħieb Franġiskani fil-Lvant. Iċ-ċokon tal-wisa' li għandna jġagħalna nġibu biss fil-qosor.

Lwiġi IX twieled f'Poissy fil-25 ta' April 1215, minn Lwiġi VIII, Sultan ta' Franza u Bianca ta' Kastilja, mara qaddisa.

Franġisk ta' Assisi. U minn hekk ġej li Lwiġi IX, sa minn żogħritu, ħareġ hekk miġbud u mimli bl-imħabba u bid-devozzjoni lejn il-Patrijiet Minuri ta' San Franġisk, li għalihom bena mhux ftit knejjes u kunventi ġewwa Franza u fil-Lvant, u kabbar u saħħaħ il-Kunvent ta' Pariġi, b'dik il-kbira u famuża knisja tiegħu, li kienet tassew waħda mill-aktar kbar ta'





*Robertu u Sancia, Slaten ta' Napli u Sqallija, li xtraw bi flushom is-Santwarji u tawhom lill-Patrijiet Franġiskani.*

Bianca, sa miċ-ċokon, irħiet lil binha Lwiġi f'idejn imgħallmin tar-ruħ, qaddisin u ta' ħila, fosthom il-Beatu Paċifiku, l-ewwel Ministru Provinċjal tal-Franġiskani fi Franza, u l-Beatu Manswetu ta' demm nobbli, bin il-Konti Mammi, it-tnejn dixxipli ta' San

dik il-belt.

L-istess ġibda u mħabba Lwiġi IX kellu wkoll għall-ulied ta' San Duminku ta' Guzman. Ta' sikwit kien igħid: "Li kieku kien jista' jinqasam kien jingħata hu nnifsu NOFS B'NOFS liż-żewġ Ordnijiet: Franġiskani u Dum-

nikani''. Min ma jafx, kemm kien ħabib tal-qalb, u kemm kien jistma u jqim bl-akbar ġieħ lill-kbar qaddisin u għorrief, San Tumas ta' Aquinu u lil San Bonaventura ta' Banjorea, kif ukoll li dawk l-aktar kbar fil-qdusija u fil-għerf, fl-Ordni Minuri u dak tal-Predikaturi?

Fis-sena 1226, Lwiġi IX ħa f'idejh il-ħakma tas-Saltna minflok missieru, taħt it-tmexxija ta' Bianca ommu; imbagħad fis-sena 1235, iżżewweġ fil-belt ta' Sens, lil dik it-tfajla qaddisa Margerita, bint ewlenija ta' Rajmondu Beranger IV, Konti ta' Provenza.

Wara żewġ rebħiet f'żewġ gwerer ma' l-Ingilterra, u miġjuba f'pajjiżu mill-ġdid il-paċi, Lwiġi IX ħaddan miegħu s-salib, u bi ġlejjeb imhejjijin u armati tajjeb, fl-1248, telaq lejn Ġerusalem biex jeħles minn taħt il-ħakma tal-Misilmin, il-Qabar ta' Kristu u s-Santwarji l-oħra tal-fidwa tagħna.

Kif il-Kruċjati l-oħra ta' qabel, hekk ukoll din ta' Lwiġi IX, kienet imxandra u mħeġġa wkoll mill-Patrijiet Franġiskani u Dumnikani, kif ukoll bosta minn dawn il-patrijiet ingħaqdu mal-ġlejjeb Salibijin bħala kappillani jew bħala familjari tal-qaddis Sultan Lwiġi IX.

Għal ħabta ta' Għid il-Ħamsin tassena 1248, Lwiġi IX ħalla Pariġi u flimkien ma' ħutu Prinċipjiet, għadd kbir ta' saċerdoti u rjus oħra kbar, marru f'Sens biex jagħmlu żjara lill-Patrijiet Minuri, miġburin hemm għal Kapitlu Provinċjali, presjedut mill-istess Ministru Patri Ġeneral ta' l-Ordni, ir-Rev. P. Ġwann minn Parma. It-twajjeb Sultan, liebes ta' pellegrin, daħal, qabel xejn, fil-knisja, jadura lis-SS.mu Sagrament, imbagħad daħal fis-sala tal-Kapitlu u, mixħut għarkubbtejh, talab b'umiltà kbira biex dawk il-patrijiet jagħmlu talb speċjali għalih u għall-għajnuna tal-Kruċjati. Ir-Rev.mu Patri Ġeneral, f'isem kulħadd, qal ħafna kliem sabiħ, ta' faraġ u ta' qima kbira. U wiegħed lit-twajjeb Re, li bħala benefattur u protettur it-talb ta' l-Ordni kollu ma jonqosx, u wegħdu wkoll "erba' quddisiet minn kull saċerdot ta' l-Ordni, jekk qatt jiġi nieqes mid-dinja. Is-Sultan qaddis iżża ħajr ħafna lir-Rev.mu Patri Ġeneral, laqa bil-qalb il-wegħda li għamillu, imma ried ukoll, kif jistqarr is-Salimbene, li din il-wegħda tiġi mniżżla bil-kitba u bis-siġill tar-Rev.mu Patri Ġeneral. (U dan hu aktar minn biżżejjed sabiex saħħaħ il-fehma ta' dawk li jgħidu, kif inhi tassew it-tradizzjoni, li Lwiġi IX ħaddan bikri t-Terz'Ordni Franġiskan, li tiegħu llum hu l-Qaddis ħelu protettur.

Wara dan, is-Sultan Lwiġi IX issokta jimxi lejn il-baħar, issa jikser 'il hawn, issa 'l hemm, biex iżur kunventi Franġiskani u oħrajn, u minn kulħadd jitlob għajnuna ta' talb. Fl-aħħar wasal fix-xtajta, minn fejn fil-25 ta' Awissu, imbarka, u fit-28 ta' Settembru 1248, wasal f'Limasol, port tal-gżira ta' Ċipru.

Ma noqogħdux ninħlew biex ngħidu dak li l qaddis Lwiġi IX wettaq f'dik il-gżira. Fl-4 ta' Ġunju 1249, hu ma' l-armati qawwija tiegħu mar u waqaf taħt ir-riħ ta' Damjata, marsa fl-Eġittu, qrib il-belt ta' Mansura. Jumejn wara (6 ta' Ġunju), ħabat għal Damjata u rebaħha, u hawn dikment il-Moskijiet (knejjes) tal-Misilmin bidilhom fi knejjes insara u qiegħed fuqhom Isqof biex jieħu ħsieb tagħhom u ta' l-erwieħ kollha kattoliċi (għajb, jaħasra, li ma nafux min kien dak l-Isqof). F'dik il-ħabta ta wkoll kunvent u knisja lill-Patrijiet Minuri, li kienu ċorma miegħu hemmhekk. U din kienet it-tieni darba li l-Patrijiet Franġiskani kellhom kunvent f'Dam-

jata: l-ewwel darba taħt ir-Re Ġwanni ta' Brienne, fl-1220 (fejn kien hemm ukoll San Franġisk innifsu). Iżda din it-tieni darba qasira kellha tkun qagħdithom f'Damjata! Madankollu, il-Franġiskani dejjem baqgħu jżommu għażiża l-belt ta' Damjata u, għalkemm bosta drabi ġew misruqa, imsawta u maqtula, huma baqgħu jżommuha sal-lum, fejn għandhom kunvent ċkejken (ospizju) u Knisja Parroċċa għal ftit kattoliċi li jinsabu hemm.

Lwiġi IX, imbagħad, magħfus mill-pariri ta' ħuh Robertu, Konti ta' Artois u minn Kavalieri oħra, qatagħha li jimxi biex jaħkem il-Kajr. Immela, bi ġliba Salibijin ta' 60,000 ruħ, imgħammrin bl-armi sa snienhom, fil-21 ta' Diċembru, wasal quddiem il-belt ta' Mansourah, fejn kienu l-egħdewwa Misilmin; iżda, O jaħasra!... il-bravi mexxejja tiegħu xejn ma setgħu jagħmlu kontra l-marda qalila li xterdet fihom u ħakmithom. L-istess Sultan Lwiġi IX, milqut mill-marda, waqa' mjassar taħt iż-żagħżugħ Sultan Mislem Turanshah, fil-5-6 ta' April, 1250, għalkemm f'dak l-istess jum, ġgajta ta' Patrijiet Franġiskani, taħt il-bandiera ta' Ġwanni ta' Beaufort, kienu hekk ġiebu ruħhom tajjeb, li baqa' mgħaġġeb l-istess Re.

Kellha ssir il-paċi mas-Saraċini u saret tassew. Is-Sultan it-twajjeb Lwiġi IX, ġie riskattat bi 800,000 biċċa tad-deheb. Damjata ġiet imradda lura lis-Sultan, li kif is-suldati tiegħu reġgħu daħlu fil-belt, hekk għamlu ħsara u ħerba, hekk qatlu nies, li għadd kbir ta' pellegrini li kienu morda hemmhekk, ġew meqruda. Xejn iżda ma waslilna x'kien ġara mill-Franġiskani li kienu baqgħu f'Damjata jassistu mal-morda. Dawn aktarx li ġew maqtula; dawk li baqgħu marru f'Akri mas-Sultan Lwiġi IX.

Fl-1251, Lwiġi IX, fittex li jsaħħah il-belt ta' Kaisarija, u sena wara, fil-15 ta' April 1252, niżel f'Ġaffa, fejn saħħaħa fil-qawwa u fejn bena kunvent u knisja kbira b'10 artali, għall-Patrijiet Franġiskani. Fi Frar, 1253, imbagħad, kif kien għadu f'Ġaffa, waslitlu l-aħbar qarsa tal-mewt tal-għażiża qaddisa ommu, Bianka. Ftit wara bagħat liż-żewġ Patrijiet Franġiskani, Guliermu Rubriquis u Bartolomew minn Cremona, bħala Ambaxxaturi għand il-Gran Khan tat-Tartari. Fl-aħħar, fit-3 ta' Ġunju, ħalla l-Ġaffa u mar f'Sidun, minn fejn fit-8 ta' Marzu 1254, reġa' mar f'Akri, u fil-25 ta' April, telaq għal Franza, u wasal f'Pariġi fis-7 ta' Settembru ta' dik is-sena

Din hi fil-qasir l-istorja ta' l-Ewwel Kruċjata ta' Lwiġi IX, Sultan ta' Franza, f'dawk il-ġrajja, li l-iżjed imissu lilu u lill-Patrijiet Franġiskani fil-Lvant Nofsani: storja u kruċjata ta' ġieħ kbir għall-Fidi u għall-istess armi; iżda, fl-istess ħin, mhix inqas imsejkna mit-Tieni Kruċjata, li ntemmet 16-il sena wara f'Tuneż, fejn sab il-mewt l-eroj ta' Kristu u tar-reliġjon divina tiegħu, Lwiġi IX, Sultan ta' Franza.

Din it-Tieni Kruċjata kellha, qabel xejn, iġġib taħt ħakmitha Tunes, biex minn hemm timxi għal fuq l-Eġittu u s-Sorija. Din ukoll kienet ġiet imxandra u mħeġġa mill-Franġiskani u d-Dumnikani, li għadd kbir minnhom kienu ssieħbu fiha.

Mill-marsa ta' Palermo, fi Sqallija, fejn kien isaltan Karlu ta' Angiò, ħu s-Sultan Lwiġi IX, fil-15 ta' Lulju, 1270, telaq bil-ġgajtiet ta' suldati tiegħu, u fis-17 tax-xahar wasal f'Tunes, fejn dlonk beda t-taqbid aħrax. F'jumejn l-għadu ġie mirbuħ u l-Insara baqgħu mexjin sa Kartaġni l-Qadima. Iżda hawn kellu jiltaqa' ma' għadu ġdid, wisq iżjed qalil mis-Saraċini: il-

pesta. Fit-3 ta' Awissu mietlu ibnu t-tieni, Tristanu, li kien twelidlu fuq in-Nil, fl-Ewwel Kruċjata. Ftit wara ġie milqut mill-pesta huwa stess, Lwiġi IX, li, kwiet u merħi f'idejn il Mulej, wella u ttajjar għas-Sema fil-25 ta' Awissu, 1270, sewwa sew kif wasal hemm Karlu ħuh, Re ta' Sqallija, li dan imbagħad, fit-30 ta' Ottubru, ġagħal lill-Emir ta' Tunes jagħmel liġijiet favur l-Insara, b'libertà sħiħa lill-Franġiskani u lid-Dumnikani li jibnu knejjes u kunventi, u li jipprietkaw b'kull libertà l-fidi ta' Kristu.

L-aħbar kiefra tal-mewt tal-qaddis Re Lwiġi IX wassluha fi Franza l-Franġiskani u d-Dumnikani li ntbagħtu minn Filippu III, li daħal fil-ħakma ta' missieru, hemm qalb il-ħerba ta' Kartaġni l-Qadima.

Barra milli l-Franġiskani u d-Dumnikani kienu ta' ġewwa ħafna, konfessuri ta' dan il-qaddis Re Lwiġi IX, kienu wkoll "bijografiji tiegħu" u l-uħud u l-oħrajn jiftaħru bħallikieku kien Qaddis ta' l-Ordni tagħhom, l-iżjed il-Franġiskani, li ħafna bikri wara mewtu, għażluh u xandruh bħala "L-Ewlieni Protettur" tat-Tielet Ordni tagħhom.

U tassew, ħafna Terzjarji u Patrijiet ta' l-Ordni Franġiskan huma ġejjin mill-ġidd tiegħu: donnha kienet prerogattiva tal-familja tar-Re Lwiġi IX, li ħafna mill-membri tagħha jkunu jew Patrijiet jew Sorijiet fl-Ordni tal-Patrijarka ta' Assisi. Infakkru lill-:

PIETRU, Konti ta' Elenkon, ibnu, li skond it-testment ta' missieru, ir-Re Lwiġi IX, kellu jissokta jitgħallem għand il-Patrijiet Franġiskani. Dan miet fl-1282, mingħajr ma ħalla wlied u ġie midfun f'Pariġi għand il-Patrijiet Franġiskani.

ROBERTU, Konti ta' Klermont, is-sitt iben ta' Lwiġi IX, imwieled fl-1256, miżżewweġ ma'Beatrice tal-Borboni, miet fl-1318, u ħalla b'testment li ġismu għandu jindifen għand id-Dumnikani u qalbu għand il-Franġiskani.

BIANCA, bint Lwiġi, miżżewġa lill-Prinċep Ferdinandu ta' Kastilja, armla wara 10 snin, ma ommha Margerita daħlet Soru mal-Klarissi.

Il-Beata IŻABELLA, oħt l-istess Lwiġi IX, u minnu wisq maħbuba,



*San Lwiġi IX*

daħlet ukoll fost il-Klarissi, li għalihom Lwiġi kien bena ħafna kunventi.

Mit-tlitt aħwa ta' Lwiġi, ir-raba' wieħed KARLU D'ANGIO', fl-1266, tala' fuq it-tron ta' Napli; minn ibnu Karlu twieled San LUDOVIKU, Patri Minuri u Isqof ta' Tolosa; u ROBERTU, Re ta' Napli, dak li fl-1333 xtara s-Santwarji Mqaddsa tal-Palestina, li bil-wetqa tas-Santa Sede ħallihom f'idejn il-Franġiskani. Robertu

fil-mewt libes l-abitu tal-Franġiskani, u martu, ir-Reġina SANĊJA, daħlet Klarissa.

U nistgħu nissuktaw hekk b'din il-ġebbieda ta' Prinċpijiet Franġiskani kollha qraba ta' San Lwiġi IX, Re ta' Franza: San Ferdinandu, kuġinuh u Re ta' Kastilja; Santa EDWIGE ta' Slesja; Santa ELIŻABETTA ta' l-Ungerija; Santa ELIŻABETTA l-oħra tal-Portugall; Sant ANJEŻE tal-Bohemja, u Kunegunda u Jolanda, u Margerita ta' l-Ungerija, u Salomea, u oħrajn, li trid il-moħħ biex tiftakarhom: kollha qraba tal-Qaddis Re Luiġi IX

Din il-familja ta' Prinċpijiet ħafna minnhom qaddisin u hekk Franġiskani fil-familja u fil-qraba ta' San Lwiġi IX, hi l-aqwa prova li huwa nnifsu mhux anqas minn qrabatu, kien jappartjeni għal dak it-Tielet Ordni, li f'dak iż-żmien u wara wkoll u dejjem, u llum ukoll, hu l-ORDNI RELIĠJUŻ ta' qishom il-Prinċpijiet kollha ta' l-Ewropa.

P. N. M.

# IS-SANTWARJU TA' EMMAUS

## VII

Fil-jum tat-Tnejn tal-ġimgħa ta' fuq il-Għid, Ommna l-Knisja Mqaddsa tmur issemmalna fil-quddiesa dik il-ġrajja li tinsab imħażża fil-Vanġelu ta' San Luqa (XXIV, 13-35). Hija ġrajja tassew sabiħa, li tiġbor fiha tagħlim tassew kbir. Aħna m'għandniex il-kuraġġ u nibżgħu nqassruha, għax żgur li nitilfulha dik il-ħlewwa u dik is-sengħa li San Luqa, ta' psikologu li kien, għaraf jagħtina. Għalhekk, għalkemm twila, se nġibuha kelma b'kelma.

"Tnejn mid-dixxipli ta' Ġesù — jikteb San Luqa — dak in-nhar kienu sejrin lejn raħal jismu Emmaus, li kien bgħid minn Ġerusalem sittin stadju u kienu jitħadtu bejniethom fuq dawn il-ġrajja kollha. U kif kienu jitħadtu u jistħarrġu, resaq lejhom Ġesù u beda miexi magħhom; imma għajnejhom kienu miżmumin li ma jagħarfuhx. U qallhom: "Fuqhiex qegħdin titħadtu bejnietkom intom u mexjin, u qalbkom sewda?"

Wieġeb wieħed minnhom, li kien jismu Klejofa, u qallu: "Int waħdek barrani f'Ġerusalem, u ma tafx x'ġara fiha f'dawn il-jiem?" Qallhom: "X'inhu?" Weġbuh: "Fuq Ġesù ta' Nazaret li kien profeta, setgħan fil-għamil u fil-kliem quddiem Alla u l-poplu kollu; u kif il-qassisin il-kbar tagħna u l-kbarat tagħna qatgħuhielu għall-mewt u sallbuh. Aħna konna nittamaw li hu kien sa jeħles 'il Iżrael; imma wara dan kollu, ilu tlitt ijiem li sar dan kollu! Imma xi nisa